Minuti tal-10 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar Il-Erbgha 17 ta' Marzu, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tad-9 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tad-9 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi l-wires tal-Go fi Triq Mongur ghadhom ma tnehhewx. Gie deciz li ghandu jsir reminder lill-Go.

1.3 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar arblu perikoluz fi Triq l-Gharb. Gie deciz li dan ghandu jigi rrappurtat lill-ADT.

1.4 Manuel Muscat staqsa dwar l-isleeping policeman. Is-Sindku spjega illi wasal l-approvazzjoni tal-ADT sabiex isiru sleeping policemen fil-parti ta' gewwa ta' Triq Birbuba . Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ghandhom isiru tal-plastic.

1.5 Manuel Muscat staqsa jekk kienx hemm xi talba ghal sleeping policeman fi Triq San Pietru. Is-Sindku spjega illi ma jafx li saret xi talba simili.

**2. a. Kwotazzjonijiet dizinn u stampar, trasport, akkomodazzjoni.**

2.a.1 Gew trattati l-kwotazzjonijiet ghad-dizinn u stampar fejn gew sottomessi 3 kwotazzjonijiet minghand A&M Printing, Gozo Press u Color Image.

2.a.2 Manuel Muscat qal illi din ghalxejn qed tigi trattata peress li x-xoghol diga sar. Huwa qal illi certu affarijiet konnessi ma Seher il-Punent ghandhom jigu diskussi fil-Kunsill qabel ma jsiru.

2.a.3 Is-Sindku spjega illi wara li l-kwotazzjonijiet infethu fil-prezenza ta' kunsilliera, peress illi z-zmien kien ghafas intuzat l-irhas kwotazzjoni li kienet dik tal-Gozo Press biex gie stampat il-materjal ta' Seher il-Punent. Gie spjegat illi ghalkemm din kienet l-irhas kwotazzjoni, is-servizz ma kienx wiehed sodisfacenti ghaliex il-materjal stampat inghata fl-ahhar minuta.

2.a.4 Is-Sindku spjega illi fil-laqgha ta' qabel kien gie diskuss il-budget u l-programm ta' Seher il-Punent u jekk il-Kunsill mhux ser ikun ftit flessibbli attivitajiet ta' din ix-xorta ma jkunux jistghu isiru. Is-Sindku qal illi jekk ma jkunx hemm ftit flessibilita' huwa mhux lest li jiehu l-inkarigu ta' attivitajiet simili u joffri lill-Kunsilliera sabiex min jixtieq minnhom ikun hu responsabbli mill-organizzazzjoni ta' dawn it-tip ta' attivitajiet. Wara li hadd ma accetta l-invit, is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex attivitajiet bhal dawn inkunu jistghu jitmexxew bl-istess mod kif inhadem Seher il-Punent. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.a.5 Il-Kunsill qabel ukoll illi x-xoghol sar permezz tal-irhas kwotazzjoni.

## 2. b. Kwotazzjonijiet ghat-transport.

2.b.1 Giet trattata il-kwotazzjoni ghas-servizz ta' transport fejn gew sottomessi 4 kwotazzjonijiet minghand Supreme Coaches, Paul Borg, Peter's Minibus u Paramount. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni li hija dik ta' Peter Muscat ghas-servizz tal-minibus u Paul Borg ghas-servizz tal-buses.

## 2. c. Kwotazzjonijiet ghall-akkomodazzjoni.

2.c.1 Gew trattati il-kwotazzjonijet ghall-akkomodazzjoni fejn kien hemm 4 persuni li offrew diversi farmhouses. Il-kumplament tan-nies ser ikunu akkomodati fil-villagg ta' Sbejha. Gie spjegat illi il-lista ta' akkomodazzjoni disponsibbli bil-facilitajiet taghhom intbaghtu lil Comune di Quadrelle u kienu huma stess li qassmu lin-nies fid-diversi postijiet ta' akkomodazzjoni.

2.c.2 Is-Sindku spjega il-pubblicita' li saret ghal Seher il-Punent u l-attivita' tal-gemellagg fosthom fuq il-magazine Your Gozo Guide, tqassim ta' flyers gewwa Paceville, twahhil ta' posters fil-main roads gewwa Ghawdex.

## 3. Offerti catering u bars Seher il-Punent 2010.

3.1 Is-Sindku spjega illi l-Country Terrace kien wera interess fl-offerta tal-catering izda imbaghad irtira dan l-interess. Il-Kunsill qabel li ghandu jistieden lil dawk li joffru is-servizz tal-ikel fil-festi sabiex jarmaw f'Seher il-Punent. Dwar l-offerta tal-bars gie spjegat illi Jason u Joe Louis Caruana urew l-interess li joperaw il-bars ta' Seher il-Punent.

4. **Programm Gemellagg Gharb-Quadrelle Marzu 2010.**

**4.1** Il-programm tal-gemellagg gie diskuss u approvat. Is-Sindku spjega illi in-nies tal-Kultura ser ikunu qed jakkumpanjaw lin-nies tal-gemellagg u jaghtu daqqa t'id ukoll f'Seher il-Punent.

**4.2** Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw rigali ghad-delegazzjoni tal-gemellagg.

**4.3** Raymond Cassar ippropona li jsir souvenir tal-Kunsill f'forma ta' banner. Gie deciz li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

**4.4** Is-Sindku spjega illi din is-sena il-bajd tal-ghid ghat-tfal tal-lokalita' ser ikunu pprovduti minghajr hlas minn resident tal-Comunita' Collinare Colli Tortonesi li kien ha sehem fil-gemellagg li sar fl-Gharb f'Awissu 2009 u li ghandu fabbrika tac-cikkulata.

5. **Programm Seher il-Punent Marzu 2010.**

5.1 Il-Programm ta' attivitajiet imhejjija ghal Seher il-Punent gie spjegat u approvat.

5.2 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Ghaqdiet Lokali Gharb ghandhom ikunu inkarigati jiehdu hsieb jarmaw ghall-attivita' u ta' dan jinghataw hlas.

5.3 Gie spjegat illi 6 ghaqdiet lokali ser ikunu qed jiehdu hsieb jorganizzaw l-ikla tradizzjonali li ser tinzamm fid-19 ta' Marzu u Michael Caruana gie innominat minn fosthom bhala koordinatur.

5.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi il-cutlery disposable sabiex jintuzaw fl-ikla.

5.5 Raymond Cassar ippropona illi ghandu jigi organizzat wine festival li jkun ikkaratterizzat minn ghana tradizzjonali.

5.6 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Vici Sindku ghandu jiehu hsieb il-provediment ta' 3 kaxxi tan-nar tac-china li jiswew €170 il wahda, wahda ghal kull serata tal-festival.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta is-setup ta' Seher il-Punent fosthom fejn ser jitpoggew il-kiosks tal-ikel u l-bars, fejn ser issir il-loghba tat-tug of war, ic-childrens corner, u kiosks bhalma huma tal-Wasteserv. Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-traffic management li ser ikun implimentat waqt il-granet ta' Seher il-Punent.

5.8 Il-Kunsill iddiskuta il-loghba tat-tug of war li ser issir bhala attivita' innovattiva waqt Seher il-Punent 2010. Gie spjegat illi hemm 8 timijiet li irregistraw sabiex

5.9 jiehdu sehem kif ukoll tim iehor kompost mid-delegazzjoni ta' Quadrelle li ser ikunu prezenti. Gie deciz li ghandu jinxtara habel ohxon biex jintuza f'din il-loghba.

5.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' illi il-ground tal-futboll ikun miftuh ghall-parkegg fejn ikun ikkontrollat minn ghaqda lokali jew gwardjani lokali. Emanuel Muscat staqsa jekk huwiex possibbli li l-haddiema tal-ETC ikunu inkarigati minnu. Is-Sindku spjega illi dan mhuwiex possibbli peress li l-hinijiet tax-xoghol taghhom huma filoghdu.

## 6. Progett ta' Wied il-Mielah – ERDF 022.

6.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kwotazzjonijiet tal-cameras u binoculars. Is-Sindku spjega illi l-bord tal-evalwazzjoni wara li ghamel il-kjarifici mehtiega dwar il-kwotazzjoni ta' John Camilleri ta' Eagle Security wasal ghall-konkluzjoni li jirrakkomanda lill-Kunsill li jaccetta din il-kwotazzjoni ghall-provvista u installazzjoni ta' zewg security cameras. Gie spjegat illi l-kuntrattur accetta li jrahhas il-prezz tal-binoculars skond il-budget allokat u ghalhekk il-board tal-ghazla qed jirrakkomanda li l-Kunsill jawardja din il-kwotazzjoni lil Eagle Security ukoll. Il-Kunsill qabel ghalhekk li jaccetta ir-rakkomondazzjonijiet tal-bord li jawardja dawn il-kwotazzjonijiet ghall-provvista u installazzjoni ta' security cameras u binocular lil Eagle Security. Il-Kunsill qabel li l-cameras u l-binocular ghandhom jehlu kif kien ippjanat fil-progett.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi fl-10.00am tat-23 u tal-25 ta' Marzu ser jaghlqu kwotazzjonijiet relatati mal-progett ta' Wied il-Mielah u offerti tal-Kunsill rispettivament u talbet lill-Kunsillieri sabiex ikunu prezenti ghall-ftuh.

6.3 Is-Sindku spjega illi l-MEPA qed issib diffikulta' sabiex isir il-manutenzjoni fuq it-tarag ta' Wied il-Mielah. Gie spjegat ukoll illi l-MEPA ghamlet xi rimarki dwar il-flower beds li qed jithallew mal-genb tat-triq.

6.4 Gie spjegat illi l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni tal-PPCD sabiex ikunu jistghu isiru aktar xogholijiet permezz tas-savings. Gie spjegat illi l-probabilita' hija li x-xoghol tal-excavation and cleaning ikun approvat biex isir mill-contingency u mis-savings, u biex isir aktar kisi bil-konkrit mis-savings ukoll. X'aktarx mhux ser ikun hemm approvazzjoni fir-rigward tal-bini ta' aktar hitan tas-sejjieh u gates li huma approvati mill-MEPA. It-talba li saret biex isir DVD bhala aktar pubblicita' ukoll x'aktarx ma tkunx approvata.

6.5 Is-Sindku spjega illi il-MEPA qed tghid li r-rampa tal-Ingieret li kienet inghatat wicc bil-konkos fl-ewwel Kunsill saret minghajr permess u hemm xi riservi dwarha.

6.6 Gie spjegat illi qed jinbena bridge iehor fuq in-naha ta' isfel tal-Wied.

## 6. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

6.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 7. Korrispondenza u materji ohra.

7.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinhareg offerta ghall-kiri ta' karozza li tkun tinkera skond il-htiega sabiex tintuza ghax-xoghol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-haddiema tal-ETC fejn gie deciz li dawn ghandhom ikunu inkarigati ikahhlu l-arkata fi Triq Sdieri.

7.3 Il-Kunsill iddiskuta il-kompjuters tal-ufficini tal-Kunsill li huma qodma u jekk ghandhiex tinhareg offerta ghall-kiri jew inkella xiri ta' kompjuters godda. Gie deciz li ghandha tinhareg offerta b'zewg ghazliet a) ghall-kiri inkluz manutenzjoni fejn il-kompjuters ma jkunux propjeta' tal-Kunsill izda jkunu mikrija b) ghax-xiri u manutenzjoni. Il-Kunsill imbaghad ikun jista' jevalwa l-aktar ghazla vantaggjuza.

7.4 Gie spjegat illi l-Wirja ta' galleriji tal-MEPA ser issir fis-sala tal-Kunsill bejn it-23 u 28 ta' Marzu, 2010.

7.5 Il-Kunsill accetta it-talba tal-kor Gaulitanus sabiex isir kuncert tal-Ghid fil-knisja parrokkjali tal-Gharb bhala parti mill-festival Gaulitana 2010. Il-kuncert jiswa € 120

7.6 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-

7.7 Mid-Dipartiment Gvern Lokali, dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fl-Gharb.

7.8 Mill-MEPA, applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp PA3959/07, PA3403/09, PA0058/10, PA1234/08, PA3961/09, PA5716/09, PA4126/09, PA5687/09, PA449/10.
Notifika mill-Bord tal-Appell illi is-smiegh tal-appell 288/08 li kellu jsir fis-26 ta' Frar, 2010 gie ikkancellat.
Notifika dwar board tal-Mepa biex jiddeciedi dwar PA 7767/07.
Avviz ta' nfurzar ECF00097/10.

7.9Mill-librerija Preca dwar il-Fiera tal-Ktieb.

7.10 Minn Gozo SPCA dwar ir-rizenja tal-Manager u l-eghluq ta' dan ic-Centru.

7.11 Mill-ETC dwar l-iskema xoghol fil-komunita' fejn il-Kunsill gie infurmat illi s-sitt xhur tal-iskema waslu biex jintemmu kif ukoll sabiex jaghmel ir-rikjesti tieghu ghas-sitt xhur li gejjin.

7.12 Minghand Marianna Grunder ilment dwar kelb jinbah.

7.13 Minghand Christopher Fava ilment peress li faqa tyre f'hofra fi Triq il-Knisja mit-trinka tar-rising main. Gie spjegat illi dan l-ilment gie mghoddi lill-Ministeru ghal Ghawdex peress li x-xoghol sar min naha tal-Ministeru.

7.14 Min National Student Travel Foundation (Malta) dwar il-poster competition li qed tigi mnedija ghaz-zaghzagh.

7.15 Mill-bord tal-evalwazzjoni tal-iskema ghall-inizjattivi sportivi fejn il-Kunsill gie infurmat illi l-proposti ta' fitness, walking bus u after school sports programme gew approvati u l-Kunsill gie mitlub jiffirma il-kuntratt relatat. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.16 Minn Mezzan Bakery Ltd dwar prodotti tal-Ghid.

7.17 Mill-fondazzjoni OASI dwar zewg attivitajiet li ser torganizza riflessi sajfin u zaghzugh tas-sena 2010 u sponsors li qed titlob ghal dawn iz-zewg avveniment.

7.18 Minghand l-Onor. Dr Chris Said dwar il-ktieb ippublikat mill-GTA – Gozo, Isola di Miti & Miracoli.

7.19 Minghand Transport Malta biex jigi notifikat dan l-ufficju meta tkun ser tinghalaq xi triq fil-lokalita'.

7.20 Programm/invit tas-Sagra ta' San Girgor.

7.21 Invoice mill-Federation of European Carnival Cities dwar shubija ghas-sena 2010. Il-Kunsill ma qabilx li jhallas din is-shubija.

7.22 Minn hub facilities management dwar is-servizzi li joffru.

7.23 Minn ADT approvazzjoni ghall-installazzjoni ta' road humps fi Triq Sdieri.

7.24 Minn mailbox proposta lill-Kunsill dwar direct marketing services.

7.25 Minn Mgr. Anton Saliba dwar kotba li ghandu ghall-bejgh.

7.26 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ittra bit-titlu 'kwistjoni fuq propjeta' privata – Ta' Pinu View, Sqaq il-Fgura, Gharb'.

**Pagna 7 Minuti tal-10 laqgha**

7.27 Manuel Muscat staqsa dwar il-hajt tas-sejjieh li kien inbena mill-haddiema tal-pooling u li waqa. Il-Kunsill qabel illi il-haddiema tal-WSC assenjati mal-Kunsill ghandhom ikunu inkarigata jergghu jibnu dan il-hajt.

7.28 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill intghazel biex jinghata rikonoxximent taht l-Award Eden 2010 fejn l-applikazzjoni kienet sottomessa bil-ghajnuna ta' Dconsulta.

Il-laqgha spiccat hin 7.40pm

Konfermati minn

David Agius
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv